MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 793/2007

**Samantha Jane Gatt (ID 428788 M)**

**vs**

**Raymond Gatt (ID 126266 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elfejn, sebgha u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€2,047.52) gja` tmien mija, disgha u sebghin Lira Maltin (Lm879) rapprezentanti in kwantu ghal €1,628.23 rapprezentanti ammont dovut lill-attrici ghall-minuri Matthew Gatt a bazi tal-paragrafu hdax (11) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 30 ta’ Mejju, 2005 fl-atti tan-Nutar Patricia Hall u dan ghall-perjodu bejn Gunju 2006 u 16 ta’ Settembru, 2007 u in kwantu ghal €419.28 rapprezentanti arrettrati ta’ manteniment dovut lill-attrici a

bazi tal-paragrafu sebgha (7) tal-kuntratt ta’ separazzjoni fuq indikat u dan ghal perjodu minn April, 2006 sa Settembru, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali datata 25 ta’ Gunju, 2007 u bl-imghax legali minn Gunju, 2006 sad-data tal-hlas relattiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-ammont ta’ manteniment kif mitlub dejjem thallas b’mod regolari u ghaldaqstant ma hemm l-ebda arrettrati ta’ manteniment dovuti.

Bl-imghaxijet kontra l-attrici.

Illi l-konvenut naqas li jhallas din is-somma ghalkemm interpellat.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` xhieda u ra l-affidavit ta’ Samantha Jane Gatt.

Ra illi d-difensur ta` l-attrici rrimmetta ruhu ghal provi li hemm fil-process u ghalhekk il-kawza marret ghas-sentenza.

**IKKUNSIDRA**

Din il-kawza titratta dwar hlas ta’ arretrati ta’ manteniment kemm lill-attrici, kemm lill-iben minuri tal-partijiet, Matthew Gatt, liema nuqqas ta’ hlasijiet gew ikkontestati mill-konvenut fejn qal illi huwa hallas il-manteniment dovut lill-attrici regolarment.

Illi minn affidavit ta` l-attrici u mill-kontenut tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet datat 30 ta’ Mejju, 2005 in atti ta’ Dr Patricia Hall jirrizulta illi l-konvenut kien obbliga ruhu

li jhallas is-somma ta’ Lm50 ta’ dak iz-zmien fil-gimgha bhala manteniment ghaz-zewg ulied tal-partijiet Sarah u Matthew. Illi fil-perjodu indikat fit-talba, il-minuri Sarah ma kienetx qed tghix ma` l-attrici ghalhekk, it-talba qieghda ssir ghan-nofs u cioe’ ghal Lm25 ta’ dak iz-zmien ghal kull gimgha ghal iben minuri Matthew. Illi fil-perjodu bejn Gunju, 2006 sas-16 ta’ Settembru, 2007 il-konvenut kellu jhallas ammont komplessiv ta’ Lm1,750 ta’ dak iz-zmien ekwivalenti ghal €4,076.40 valuta ta` llum. Illi l-attrici kienet rceviet minghand il-konvenut ghal perjodu indikat €2,448.77 ossia Lm1,051.26. In konkluzzjoni, l-ammont mitlub mill-konvenut bhala arretrati tal-manteniment ta’ binhom Matthew jammonta ghal €1,627.63 ossia Lm698.74.

Illi mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni jirrizulta illi l-attrici hija dovuta €23.29 fix-xahar bhala manteniment ghaliha sakemm hija ma tahdimx. Illi l-konvenut naqas milli jhallasha l-ammont fix-xahar kif indikat bejn 1 ta’ April, 2006 sa Settembru, 2007 li b’kollox jammontaw ghal 18-il xahar u ghalhekk l-ammont mitlub ghaliha huwa ta’ €419.28 ossia Lm180.

Illi meta z–zewg arretrati ta’ manteniment ta` l-attrici u ta’ binha Matthew jigu kkalkolati flimkien jirrizulta l-ammont fit-talba.

Jirrizulta lit-Trbunal lli fil-11 ta’ Gunju, 2008 l-attrici ghalqet il-provi taghha u t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut inghatatlu opportunitajiet bizzejed wara din is-seduta, sabiex iressaq il-provi tieghu. Ghalhekk, minhabba assenza tal-konvenut u l-provi tieghu fis-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2008, it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Illi sabiex jasal ghal soluzzjoni gusta u ekwa ghall-vertenza tal-kawza, t-Tribunal ha jkollu jistrieh fuq il-provi migjuba quddiemu. Illi quddiemu ghandu biss provi prodotti mill-attrici. Illi huwa car illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu. In konkluzzjoni, wara li ezamina l-affidavit, sema` d-difensur ta` l-attrici u ra d-dokumenti

kollha ezebiti in atti t-Tribunal ikkonkluda illi l-attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------